MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2014

Appell Civili Numru. 83/2006/1

**Edward Spiteri u martu Filomena Spiteri**

**v.**

**Anthony Spiteri, Michael Spiteri, Joseph Spiteri,**

**Mary mart Francis Portelli, George Spiteri f'ismu proprju kif ukoll bħala prokuratur ta' ħutu msiefra Rose mart Francis Tabone**

**u Gregory Spiteri, nominat b'zewg prokuri annessi mal-kuntratt**

**ta' vendita` fl-atti tan-Nutar Mary Vella Magro tat-3 ta' Lulju, 2006**

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija fil-5 ta' Ottubru 2010 mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Superjuri, Ġurisdizzjoni Ġenerali, li laqgħet talba tal-atturi biex il-konvenuti jħallsu dejn li missierhom kien għaraf b'kitba b'dan illi d-dejn jitħallas wara mewtu.

2. Il-fatti ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> "L-atturi qegħdin ifittxu li jitħallsu mingħand l-eredi ta' Joseph Spiteri, missier l-attur u l-konvenuti kollha, għas-serviġi li huma jgħidu li rrendewlu għal xi żmien qabel ma miet. In sostenn ta' din it-talba tagħhom l-atturi esebew skrittura privata, li skond l-attriċi ġiet ikkupjata minnha minn fuq skrittura oħra ppreparata minn avukat inkarigat minnha u minn żewġha meta marru jikkonsultawh dwar kif setgħu jipproteġu d-drittijiet tagħhom għall-kumpens ta' dak li kienu qed jagħmlu ma' missier l-attur. Permezz ta' din l-iskrittura l-imsemmi Joseph Spiteri kien ikkostitwixxa ruħu "debitur fil-konfront ta' Dwardu Spiteri u Filomena Spiteri fis-somma ta' ħamest elef lira maltija (Lm5000), u dana minħabba li huwa u martu rrendewli diversi servizzi kuri u assistenzi matul dawn l-aħħar snin wara l-mewt ta' marti…"."

3. L-ewwel qorti hekk qatgħet il-kawża:

> "1. tiddikjara illi l-konvenuti bħala eredi ta' missierhom, il-mejjet Joseph Spiteri, huma debituri lejn l-atturi fl-ammont ta' wieħed minn tmienja kull wieħed u waħda minnhom, tas-somma ta' ħamest elef lira maltija (Lm5000) u *cioè* fl-ammont ta' sitt mija ħamsa u għoxrin lira (Lm625), jew aħjar illum elf erba' mija sitta u ħamsin euro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€1,456.25), *oltre* l-imgħaxijiet ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-istess somma mit-tmienja (8) ta' Ottubru 2002 sad-data tal-pagament effettiv.
>
> "2. Tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex iħallsu lill-atturi s-somma indikata bl-imgħax kif fuq ingħad.

"Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra interpellatorja tat-22 ta' Marzu 2006 u tal-mandat ta' sekwestru tal-5 ta' Lulju 2006 kontra l-istess konvenuti, ... ... ..."

4. Il-qorti waslet għal din il-konklużjoni wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

"Fin-Nota ta' l-eċċezzjonijiet tagħhom il-konvenuti jidher li qed jitfgħu dubbju dwar il-ġenwinità tal-istess skrittura. Imma apparti l-fatt li ħadd minnhom ma kkontesta l-firma tal-imsemmi Joseph Spiteri li tidher fuq din l-iskrittura, anzi ġie konfermat minnhom li, għalkemm missierhom ma kienx jaf jikteb, kien jasal biex jiffirma ismu, affermaw ukoll li minkejja li kellu età avanzata, u infatti miet ta' disgħin sena, baqa' f'sensih sal-aħħar. Jirriżulta għalhekk illi din l-iskrittura ġiet tassew iffirmata minn Joseph Spiteri, li kien ukoll jaf x'qed jagħmel meta ffirmaha.

"Il-konvenuti jikkontestaw ukoll l-obbligu għall-ħlas tas-serviġi. Apparti l-fatt illi ġaladarba l-iskrittura in kwistjoni qed tiġi aċċettata bħala waħda valida, id-debitu li d-*de cujus* irrikonoxxa li għandu lejn l-atturi permezz ta' dik l-iskrittura wara l-mewt tiegħu waqa' fuq l-eredi kollha tiegħu, fix-xiehda tagħhom il-konvenuti lanqas ċaħdu li l-atturi kienu tassew irrendew serviġi lil missierhom. Anzi, f'każ minnhom dan ġie anke rikonoxxut speċifikament minn Margaret Spiteri, mart wieħed mill-konvenuti. L-unika difiża tagħhom kienet li huma wkoll kienu jirrendu serviġi lil missierhom, imma ta' dawn qatt ma ppretendew u lanqas talbu kumpens.

"Veru illi ħafna drabi meta s-serviġi jiġu reżi lil membru daqstant intimu tal-familja, dawn ikunu saru *familiaritatis vel pietatis causa*, imma ġialadarba rriżulta fil-każ in eżami illi l-atturi, għalkemm is-servut kien proprju missier l-attur, talbu kumpens mingħandu u rnexxielhom ukoll jottjenu l-wegħda tal-ħlas permezz tal-iskrittura in kwistjoni, ma tibqa' ebda għażla issa għajr li jingħata effett għal dak [li] huma intitolati għalih l-atturi permezz tal-istess skrittura.

"B'din l-iskrittura tat-12 ta' Diċembru 1999 Joseph Spiteri obbliga lill-werrieta tiegħu sabiex sa żmien xahar mill-mewt tiegħu jħallsu lill-atturi s-somma indikata ta' Lm5000. F'każ li ma jsirx dan il-ħlas fiż-żmien stipulat, kellu jiddekorri mgħax ta' tmienja fil-mija fis-sena fuq l-istess somma. L-eredi tad-*de cujus* nominati bit-testment tiegħu tas-17 ta' Settembru 1990 huma l-attur u l-konvenuti f'din il-kawża. L-attur bħala wieħed mit-tmien eredi għandu jissoporti sehmu minn dan id-debitu, u għalhekk jiġi li l-ammont dovut minn kull wieħed/waħda mill-konvenuti huwa: Lm5000/8 = Lm625, jew aħjar illum €1,456.25. Ma' dawn iridu jitħallasu wkoll l-imgħaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena li laħqu akkumulaw minn xahar wara l-mewt tad-*de cujus*, u *cioè* mit-8 ta' Ottubru 2002. Dan jkollu kif stipulat fl-iskrittura msemmija."

5. Il-konvenuti appellaw minn din is-sentenza b'rikors tal-20 ta' Ottubru 2010. L-aggravji tagħhom huma tnejn: i. illi l-kitba tat-12 ta' Diċembru 1999 ma tiswiex għax disposizzjonijiet li għandhom iseħħu *causa mortis* jistgħu jsiru biss b'testment; u ii. illi f'kull każ l-obbligazzjoni waqgħet bi preskrizzjoni ta' ħames snin taħt l-art. 2156(*f*) tal-Kodiċi Ċivili. Dawn l-aggravji fissruhom hekk:

> "… … ... din kienet kawża fejn tnejn mit-tfal ta' Ġuzeppi Spiteri, mejjet, kienu qed jitolbu ħlas skont skrittura li kienet saret fit-12 ta' Diċembru 1999. Fl-istess skrittura l-istess Joseph Spiteri kien ordna illi din is-somma għandha titħallas mill-werrieta tiegħu mill-flus li kien fadallu fil-kexxun fi żmien xahar mill-mewt tiegħu u, f'każ li dan il-ħlas ma jsirx fi żmien xahar, allura jibda għaddej l-imgħax ta' tmienja fil-mija fis-sena fuq l-ammont ta' Lm5,000.
>
> "L-esponenti kienu eċċipew illi t-talbiet kienu infondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt peress li kienet qed issir kontestazzjoni dwar l-iskrittura esebita u l-ħlas ta' serviġi.
>
> "Il-validità tal-iskrittura
>
> "Jirriżulta mill-istess kawżali taċ-ċitazzjoni u anke minn eżami tal-iskrittura illi Ġuzeppi Spiteri kien qiegħed jiddisponi kif isir ħlas mhux waqt ħajtu imma wara mewtu.
>
> "L-artikolu 588 tal-Kodiċi Ċivili jagħmilha ċara illi dak l-istrument revokabbli min-natura tiegħu illi bih persuna tiddisponi għal wara mewtha in parti jew fit-totalità tal-proprjetà li jkollu, hija testment u l-artikolu 589 tal-Kodiċi jgħid illi testment jista' jkollu disposizzjonijiet b'titlu universali jew b'titlu partikolari.
>
> »Huwa għalhekk ċar illi min irid jiddisponi għal wara mewtu, skont l-ordinament ġuridiku Malti, irid jiddisponi b'testment. L-iskrittura ma kinitx tgħid illi l-flus huma sempliċement dovuti fejn allura l-istess atturi kien ikollhom dritt ta' azzjoni diretta kontra Ġuzeppi Spiteri l-mejjet, imma fuq skrittura li preparaw huma kien qed jorbot mhux lilu nnifsu daqs kemm illi l-ħlas isir wara mewtu u minn flus illi jkollu partikolarment fil-kexxun.
>
> "... ... ...
>
> "L-esponenti qed iqajmu wkoll il-kwistjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni ta' ħames snin. Skont l-iskrittura privata, anke jekk wieħed kellu jgħid li hija kostituzzjoni ta' debitu tat-12 ta' Diċembru 1999, jirriżulta anke mill-istess ċitazzjoni illi fil-fatt l-ebda talba ma kienet saret sat-22 ta' Marzu 2006 li kienet ittra biss interpellatorja. *Oltre* li kienu għaddew il-ħames snin. Illi l-esponenti għalhekk mill-istess atti jinsistu illi kien hemm il-

> preskrizzjoni fuq l-istess skrittura u huma qatt ma ammettew illi kellhom jagħtu ta' dawn is-serviġi."

6. L-atturi wieġbu fil-15 ta' Novembru 2010 u fissru għala, fil-fehma tagħhom, l-appell għandu jiġi miċħud.

7. Nibdew bl-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għax, jekk tintlaqa' din l-eċċezzjoni, il-kawża tieqaf hawn.

8. Il-konvenuti ressqu l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ta' ħames snin taħt l-art. 2156(*f*) tal-Kodiċi Ċivili, il-preskrizzjoni residwali li tolqot "kull kreditu ... ... ... meta l-kreditu ma jkunx jaqa' … … ... taħt preskrizzjoni aqsar". Il-konvenuti wieġbu illi l-obbligazzjoni kienet soġġetta għal kondizzjoni sospensiva – il-mewt tad-debitur – u għalhekk il-preskrizzjoni baqgħet sospiża sakemm kien għadu ħaj id-debitur.

9. Dejjem bla ħsara għall-kwistjoni jekk l-obbligazzjoni tiswiex, l-atturi ma setgħux jitolbu l-ħlas tagħha sakemm kien għadu ħaj id-debitur; aktar milli soġġetta għal kondizzjoni sospensiva – għax il-mewt hija ħaġa *certa an* għalkemm *incerta quando* u għalhekk mhix kondizzjoni iżda terminu – l-obbligazzjoni kienet sospiża bi żmien u għalhekk il-preskrizzjoni wkoll kienet sospiża sakemm isseħħ il-mewt. Id-debitur miet fit-8 ta' Settembru 2002 u minn dakinhar bdiet għaddejja l-preskrizzjoni. Il-kawża nfetħet fit-2 ta' Awwissu 2006, anqas minn ħames snin wara, u għalhekk qabel ma għalqet il-preskrizzjoni.

10. L-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni, li kienet x'aktarx fiergħa fiċ-ċirkostanzi, hija għalhekk miċħuda.

11. Ngħaddu issa għall-aggravju ewlieni, dwar il-validità tal-obbligazzjoni. Il-ftehim tat-12 ta' Diċembru 1999 li ħoloq din l-obbligazzjoni jgħid hekk:

> "B'din l-iskrittura jiena Ġużepp Spiteri qiegħed niddikjara illi jien debitur fil-konfront ta' Dwardu Spiteri u Filomena Spiteri fis-somma ta' ħamest elef lira (Lm5,000) u dana minħabba li huwa u martu irrendewli diversi servizzi, kuri u assistenzi matul dawn l-aħħar snin wara l-mewt ta' marti.
>
> "Din is-somma flus trid titħallas lil Dwardu u lil martu Filomena mill-werrieta tiegħi mill-flus li għandi mfaddla fil-kexxun id-dar tiegħi fi żmien xahar mill-mewt tiegħi.
>
> "Jekk ma jitħallsux fi żmien xahar jibda għaddej l-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq is-somma ta' ħamest elef lira (Lm5,000),"

12. Il-kwistjoni essenzjalment hija jekk dan il-ftehim bejn l-atturi u l-missier kienx l-għarfien ta' dejn b'dan li l-ħlas ikun sospiż b'terminu, jew kienx disposizzjoni dwar il-wirt tal-missier li biex tkun tiswa trid issir biss b'testment, kif jgħid l-art. 586 tal-Kodiċi Ċivili:

> "**586.** Bla ħsara tad-disposizzjonijiet dwar donazzjonijiet magħmulin f'kontemplazzjoni ta' żwieġ, u ta' dawk li għandhom x'jaqsmu ma' kuntratti ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja, ħadd ma jista' jiddisponi la mill-wirt, kollu jew biċċa minnu, u lanqas minn somom ta' flus jew minn ħwejjeġ partikolari oħra li jkunu jappartjenu lill-wirt, ħlief b'testment."

13. Relevanti wkoll huwa l-art. 984 tal-Kodiċi Ċivili:

> "**984.** (1) Il-ħwejjeġ futuri jistgħu jkunu oġġett ta' kuntratt.

"(2) Iżda, ħadd ma jista' jirrinunzja għal suċċessjoni illi tkun għad ma nfetħitx, jew jagħmel ftehim fuqha, sew mal-persuna illi tagħha tkun is-suċċessjoni, kemm ma ħaddieħor, allavolja jkun hemm il-kunsens ta' dik il-persuna; bla ħsara ta' kull disposizzjoni oħra tal-liġi dwar dawn ir-rinunzji jew dan il-ftehim, meta jsiru f'okkażjoni ta' żwieġ, jew meta jittieħdu l-voti reliġjużi."

14. Jekk il-ftehim huwa wieħed dwar wirt futur, kemm jekk il-wirt hu ta' persuna li hija parti fil-ftehim u kemm jekk il-ftehim isir dwar il-wirt ta' terza persuna, dak il-ftehim ma jkunx jiswa. Ir-raġuni għal dan hija waħda ta' ordni pubbliku u ġejja mid-dritt ruman[1], għax il-liġi ma tridx illi jkun hemm dak li jissejjaħ *votum captandæ mortis*, *i.e.* l-interess ta' parti li persuna tfittex tmut sabiex dik il-parti tgawdi l-effetti tal-ftehim.

15. Huwa evidenti, fil-fehma ta' din il-qorti, illi dak li ried il-missier hu illi jorbot lill-werrieta tiegħu, u mhux lilu nnifsu, bid-dejn; ladarba stipula illi d-dejn jitħallas biss wara mewtu kien qiegħed jiddisponi dwar x'jiġri minn ġidu wara mewtu. Il-ftehim għalhekk, għall-għanijiet tal-liġi, kien tħollija ta' legat. Il-fatt li l-legat huwa rimuneratorju ma jnaqqas xejn mill-fatt illi huwa legat, u għalhekk, biex jiswa, seta' jsir biss b'testment.

16. Il-konsegwenza inevitabbli għalhekk hija illi l-ftehim tat-12 ta' Diċembru 1999 ma jiswiex għax *contra bonos mores*, u t-talbiet tal-atturi msejsa fuq dak il-ftehim ma jistgħux jintlaqgħu.

17. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni iżda tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza appellata u tiċħad it-talbiet tal-atturi.

[1] Ara *Cod.* II, 3 (*de pactis*), L. 30. Għalkemm Ġustinjanu ordna illi d-divjet ikun "*nisi ipse forte, de cuius hereditate pactum est, voluntatem suam eis accommodaverit et in ea usque ad extremum vitæ spatium perseveraverit*", fid-dritt modern il-ftehim ma jiswiex jekk isir "sew mal-persuna illi tagħha tkun is-suċċessjoni, kemm ma ħaddieħor".

L-ispejjeż tal-eċċezzjoni ta’ preskrizzjoni jħallsuhom il-konvenuti; l-ispejjeż l-oħrajn kollha, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, iħallsuhom l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------